# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-FAMILJA

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum il-Ħamis, 24 ta' April 2025**

**Rikors Revoka Nru: 59/2025 ISB**

Fl-atti tal-**Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 115/2023 JVC** fl-ismijiet:

**Christabelle Spiteri Fenech**

**Vs**

**Clinton Bugeja Camilleri**

**DIGRIET MOGĦTI IN CAMERA GĦAR-RIKORS TA' CLINT BUGEJA (KI 135486M) TAS-27 TA' MARZU 2025**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Clint Bugeja tas-27 ta' Marzu 2025, li huwa ressaq in segwitu għal Mandat ta' Inibizzjoni illi sar kontra tiegħu fit-12 ta' Ottubru 2023, liema Mandat kien akkordat fit-30 ta' Novembru 2023.

Rat illi fl-istess rikors imressaq minn Clint Bugeja ai termini ta' l-Artikolu 836 tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa qiegħed fuq bażi fattwali jsostni:

- Illi l-kontendenti huma l-ġenituri ta' Maraya Bugeja Fenech li twieldet f'Ottubru 2004 u sakemm għalqet l-eta' maġġorrenni huwa kkontribwixxa b'mod attiv għall-manteniment tagħha.
- Illi fis-sena 2023, huwa beda programm ta' rihabilitazzjoni mal-Fondazzjoni Oasi in segwitu għal żmien diffiċili illi għadda minnu;
- Illi meta kien residenti mal-Fondazzjoni huwa rċieva rikors għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni 155/2023 u kien għalhekk illi ma rrispondiex għalih.
- Illi filwaqt illi l-intimata talbet il-ħrug tal-Mandat fuq pretensjoni ta' EUR18,750, tassew somma li teċċedi l-EUR11,646,86, b'danakollu ma tat ebda rendikont ta' dik il-pretensjoni.
- Illi l-kawża baqgħet sal-lum ma nfetħitx u hemm pendenti biss proċess ta' medjazzjoni li jallega illi l-intimata qed tkaxkar bih.
- Illi hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet fir-rigward tal-ammont pretiż mill-intimata fir-rikors għal ħruġ tal-Mandat minnha mressaq.
- Illi huwa ko-propretarju f'sehem indiviż ta' appartament f'Wied il-Għajn u jinsab fuq konvenju għat-trasferiment tiegħu b'mod illi l-Mandat qed jimpedixxi milli jsir il-bejgħ.

u jilmenta mis-segwenti:

a) Ai termini tal-**Artikolu 836(1)(b)** tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta, m'għadx hemm il-ħtieġa illi l-Mandat jibqa' fis-seħħ, u dan peress illi l-attriċi kellha 20 jum biex tagħmel il-kawża – u baqgħet ma għamlithiex.

b) Isostni illi l-intimata setgħet ikkawtelat il-pretensjonijiet tagħha mod ieħor imma mhux b'Mandat ta' Inibizzjoni, bħal Mandat ta' Sekwestru, iżda ressqet Mandat ta' Inibizzjoni biex iżżommu milli jbigħ biss biex tagħmel ħsara peress illi huwa kien qiegħed fuq konvenju.

c) Ai termini tal-**Artikolu 836(1)(d)** tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta, illi m'hemmx ġustifikazzjoni *prima facie* għal ħruħ u ż-żamma tal-Mandat peress illi wisq probabbli illi l-ammont dovut huwa anqas minn EUR11,464, li huwa l-minimu rikjest mil-ligi għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni bħal dan odjern. Isosnti illi lanqas rendikont ma ppreżentat ta' kif wasslet għaċ-ċifra minnha riklamata.

d) Ai termini tal-Artikolu **836(1)(f)** tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta, mhux raġjonevoli illi l-Mandat jibqa' fis-seħħ peress illi fiċ-ċirkostanzi spjegati ma jagħmilx sens illi dan il-Mandat jostakola l-bejgħ.

e) Ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jitlob l-applikazzjoni tal-penali, kemm peress illi l-intimata baqgħet ma ressqet ebda kawża (sub-inċiż a), kemm peress illi ma kienx mitlub iħallas ebda mantiment qabel ma sar il-Mandat (sub-inċiż b), kemm peress illi huwa ċar illi huwa għandu minn fejn iħallas (sub-inċiż ċ) u kif ukoll peress illi qegħdin jiġu offruti garanziji alternattivi li l-intimata kappriċċożament mhux taċċetta u għalhekk il-Mandat sar b'malizja, hija frivola u vessatorja.

Rat id-dokumenti annessi;

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Marzu 2025, fejn il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimata b'sebat ijiem żmien għar-risposta u rriżervat illi ssejjaħ seduta sakemm ma jkunx jidhrilha illi mill-atti tkun tista' tgħaddi għal digriet *in camera*;

Rat ir-Risposta tal-intimata tal-14 ta' April 2025, li permezz tagħha opponiet it-talbiet għas-segwenti raġunijiet:

Issostni illi ma jirriżulta xejn mir-rikors illi jirrendi t-talba tagħha mhux ġustifikata, eċċessiva jew tali illi hemm ċirkostanzi illi jirrikjedu illi l-Mandat ma jibqax fis-seħħ. Fuq livell *prima facie*, it-talba għal ħruġ tal-Mandat tibqa' ġustifikata.

Illi filwaqt illi r-rikorrenti jikkontendi illi għamel proprosti serji, b'danakollu jibqa' jikkontesta l-pretensjonijiet tal-intimata – u dan jagħmel il-proposti tiegħu mhux serji.

Illi r-rikors ma jidentifikax liema mill-ħtigijiet sabiex jinżamm ħaj il-Mandat ma għadhomx jeżistu.

Illi ma ġiet identifikata ebda garanzija oħra xierqa biex tissodisfa l-pretensjonijiet u Mandat ta' Sekwestru kien ikun inutili peress illi r-rikorrenti ma għandux likwidità.

Illi dwar il-penali, tirreferi għall-proviso tal-Artikolu 843 tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu sub-inċiż (a), filwaqt illi ssostni illi huwa proprju r-rikorrenti illi qed jittraskura l-proċess ta' medjazzjoni u li issa hemm seduta ffissata għat-13 ta' Mejju 2025. Dwar dak premess ai termini tas-sub-inċiż (b), hija ssostni illi kienet diversi drabi nterpellatu sabiex iħallas dak minnu dovut, iżda nibdet l-urġenza tal-Mandat meta saret taf illi r-rikorrent kien ser ibigħ l-uniku ass tiegħu. Dwar is- sub-inċiż (c), issostni illi minħabba l-problema illi kellu r-rikorrenti, ma kellux għaqal finanzjarju u kien mingħajr xogħol fiss, bl-aħħar pagament minnu vversat in linea ta' manteniment kien f'Ġunju 2023. Tiċħad finalment illi l-mandat għamiltu b'malizja jew illi huwa frivolu, imma ssostni illi dan kien biss neċessarju sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha.

Rat l-atti kollha, inkluż l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 155/2023.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-**Artikolu 836(4) tal-KAP 12** tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid espressament hekk:

> *Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors b'urġenza jew in camera jew wara s-smigħ tal-avukati tal-partijiet, jekk jidhrilha xieraq, iżda ma tiġix iffissata iktar minn seduta waħda għal dan il-għan.*

Tqis illi l-Qorti jidhrilha illi ma għandhiex għalfejn issejjaħ lill-partijiet għal seduta peress illi mill-atti tista' tasal għad-deċiżjoni tagħha, kif fil-fatt qed tagħmel illum b'dan id-digriet **in camera**.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi qabel xejn il-Qorti tixtieq tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

a) Il-Qorti tibda biex tinnota illi isem ir-rikorrent fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa Clinton Bugeja Camilleri, l-istess kif jirriżulta minn DOK C ippreżentat mal-istess rikors mill-istess rikorrent, u allura l-Qorti tiddeplora t-traskuraġni tal-mod kif inhu miktub isem ir-rikorrent f'dawn il-proċeduri, meta jinsab indikat bħala "Clint Camilleri".

   Min-numru tal-karta tal-identita', il-Qorti tqis illi qed issir hawnhekk referenza għall-istess persuna u għalhekk, minkejja d-differenza fl-isem tal-hawnhekk rikorrenti għall-isem tal-intimat fuq il-Mandat, il-Qorti, ser tipproċedi billi tittratta r-rikors odjern u tqis illi si tratta tal-istess persuna, **iżda trid tiġbed l-attenzjoni tal-Avukat li ffirma r-rikors odjern sabiex fil-futur jaċċerta ruhu illi jkun qed juża l-isem propizju u juża aktar attenzjoni fit-tħejjija tal-atti illi jippreżenta quddiem l-Qorti**.

b) Fit-tieni lok, indipendentament minn dak li ser tiddeċiedi l-Qorti f'dan id-digriet tagħha, trid tissoleva illi huwa ta' kuraġġ illi tara illi r-rikorrent segwa *Residential Treatment Program* mal-Fondazzjoni Oasi, u tawguralu tassew illi huwa jsib il-kuraġġ sabiex jibqa' jiġġieled

kwaslsiasi problema u/jew vizzju illi kulħadd jista' jkun suxxettibbli għalih, għaliex kulħadd uman.

c) Fit-tielet lok u ukoll indipendentament minn dak li ser tiddeċiedi l-Qorti f'dan id-digriet, illi filwaqt illi kull parti għandha dritt illi tara l-interessi tagħha, b'dana kollu tistieden dejjem lill-partijiet, mhux lanqas lill-intimata, sabiex iżżomm bieb miftuħ għal possibbli transazzjoni, u dan qed jingħad speċjalment fl-isfond tad-dikjarazzjonijiet magħmula mir-rikorrenti fil-paragrafu 12 tar-rikors tiegħu.

d) Illi l-Qorti ma tistax ma tosservax illi mal-preżentata tar-rikors odjern, minn DOK C esebit mir-rikorrent stess, jirriżulta illi l-konvenju dwar il-fond ta' Wied il-Għajn kien ġjà skada mal-preżentata tar-rikors u ma jirriżultawx in atti estensjonijiet għall-istess konvenju li skada f'Ottubru 2024. Konsegwentament il-Qorti ser tkun qed tqis l-imsemmi konvenju bħala skadut ai finijiet u effetti ta' kwalsiasi sottomissjonijiet li saru fir-rigward.

e) Finalment, illi mill-atti jirriżulta illi l-proċess ta' medjazzjoni bejn il-partijiet qed itul iżżejjed, u filwaqt illi jirriżulta illi nżammet seduta ta' medjazzjoni fis-7 ta' **April 2024**, is-seduta sussegwenti ser tinżamm aktar minn sena wara, ossia, fit-13 ta' **Mejju 2025**. Il-Qorti tqis illi ż-żewġ partijiet għandu jkollhom l-interess illi tali proċedura tkun eżawrita mingħajr dewmien. Mhux aċċettabbli illi jkun hemm dewmien bħal dak riskontrat f'dan il-każ.

Dan magħdud, il-Qorti **kkunsidrat ulterjorment**:

Illi dwar l-ilment tar-rikorrent illi l-intimata ma ressqitx il-kawża fi żmien għoxrin jum mill-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni msemmi, il-Qorti tagħmel

referenza għall-**proviso għall-Artikolu 843(1) tal-KAP 12** tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid espressament hekk:

> *Iżda fejn il-ħruġ ta' mandat jintalab minn xi parti minn koppja kontra l-parti l-oħra u l-parti li toħroġ il-mandat tkun bdiet il-proċeduri quddiem il-qorti, il-perjodu hawn fuq imsemmi jibda' jgħodd mill-ġurnata li fiha tiġi awtorizzata tipproċedi mill-qorti imma l-mandat jieqaf milli jkollu effett immedjatament jekk il-proċeduri jiġu rtirati jew abbandunati.*

Kull kumment ieħor huwa superfluwu, partikolarment, peress illi kif ġja jingħad aktar il-fuq, il-proċess ta' medjazzjoni għadu għaddej b'seduta illi ser tinżamm fi ftit gimgħat oħra.

Illi dwar l-ilment illi l-intimata setgħet ikkawtelat il-pretensjonijiet tagħha mod ieħor imma mhux b'Mandat ta' Inibizzjoni, bħal per eżempju, Mandat ta' Sekwestru, il-Qorti tqis illi dan l-ilment ma' jista' qatt ikollu mis-sewwa, u sakemm il-Qorti illi akkordat il-ħrug ta' tali Mandati dehrilha illi dik it-talba kienet tissodisfa l-kriterji li trid il-ligi, allura ma kien hemm xejn ħażin illi jintalab Mandat ta' Inibizzjoni u mhux Mandat ta' Sekwestru.

Illi dwar l-ilment tar-rikorrent illi l-intimata ressqet Mandat ta' Inibizzjoni biex iżżommu milli jbiegħ, biss, biex tagħmel ħsara peress illi huwa kien qiegħed fuq konvenju – llum illi ma jirriżultax illi dak il-konvenju għadu viġenti u l-Qorti tqis illi jkun superfluwu illi tidhol f'din il-materja, anke jekk irid jingħad illi fil-mument li sar il-Mandat, il-konvenju kien viġenti, u ma kien hemm xejn skorrett illi jsir Mandat f'mument meta min jagħmel it-talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, jagħmel dan proprju peress illi jsir jaf bl-intenzjoni tal-intimat illi ser jipproċedi b'bejgħ.

Illi dwar l-ilment illi m'hemmx ġustifikazzjoni *prima facie* għal ħruġ u ż-żamma tal-Mandat peress illi "wisq probabbli" illi l-ammont dovut huwa

anqas minn EUR11,464, li huwa l-minimu rikjest mil-liġi għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni bħal dan odjern – il-Qorti tqis illi din hija materja illi l-Qorti kompetenti tkun trid tiddetermina meta u jekk jinfetħu l-proċeduri idoneji – imma ċertament mhix materja illi għandha tiġi diskussa f'dan l-istadju u f'dan il-forum.

Illi dwar l-ilment illi mhux raġjonevoli illi l-Mandat jibqa' fis-seħħ peress illi fiċ-ċirkostanzi spjegati ma jagħmilx sens illi dan il-Mandat jostakola l-bejgħ – issir referenza għal dak li jingħad aktar il-fuq fir-rigward tal-validita' tal-konvenju, u li mill-atti jirrizulta illi l-konvenju ma għadux aktar viġenti.

Illi dwar l-applikazzjoni tal-penali, il-Qorti ma jirriżultalhiex illi jissussistu l-elementi u r-rekwiżiti sabiex hi tkun tista' tasal biex takkolji talba bħal din, imqar fuq bażi waħda mill-erbgħa illi r-rikorrenti jitlob l-impożizzjoni tal-penali.

In kwantu għas-sub-inċiż (a) – irriżulta ben evidenti illi tajjeb jew ħażin il-proċess ta' medjazzjoni għadu pendenti u għad ma hemmx l-ordni tal-Qorti għal ftuħ tal-proċeduri kontenzjużi.

Min-naħa l-oħra, in kwantu għas-sub-inċiż (b), il-Qorti tqis applikabbli l-proviso għall-istess, in kwantu illi hija tifhem l-urġenza, fic-cirkostanzi illi kien jinsab fihom ir-rikorrent, illi l-intimata taġixxa bit-talba għal ħrug tal-Mandat.

Ukoll, in kwantu għas-sub-inciż (ċ), la nġiebu provi dwar il-likwidita' tar-rikorrenti u fiċ-ċirkostanzi illi jirriżulta li kien fihom ir-rikorrent, il-Qorti tħoss illi kull kumment ieħor ikun superfluwu.

Finalment, in kwantu is-sub-inċiż (d), ċertament illi l-Qorti ma tistax tabbraċċja l-ħsieb u l-argument tar-rikorrent illi l-intimata kienet malizjuża fit-talba tagħha, iżda kienet biss qegħda tfittex illi tikkawtela d-drittijiet tagħha.

Ukoll, li ċertament jonqsu l-elementi li jistgħu jwasslu l-Qorti tikkonkludi illi t-talba għal ħruġ tal-Mandat kienet frivola u vessatorja.

**GĦALDAQSTANT**, għar-raġunijiet kollha hawn fuq mogħtija, il-Qorti qegħda tgħaddi biex **tiċħad** fl-intier tagħhom it-talbiet tar-rikorrent Clint Bugeja kif imressqa bir-rikors tiegħu tas-27 ta' Marzu 2025.

Bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Digriet mogħti in camera, illum, 24 ta' April 2025.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**